

# L-Arloġġ

## *Dun Karm*

## Nota

- Dun Karm fil-poeżija *L-Arloġġ* juri li l-ħin jew iż-żmien dejjem jibqa' għaddej u ma jistenna lil ħadd. B'hekk il-poeta jurina l-intensità tal-inkwiet tiegħu.
- Dan jissaħħaħ permezz ta' bosta elementi stilistiċi, fosthom:

1) **L-elementi strutturali u tal-ħoss**:

   L-istrofi huma kwartini b'**versi senarji** (tas-sitta) u **bir-rima mqabbża** (a-b-ċ-b) li jagħmlu l-qari ritmiku u mexxej bħall-ħin fuq l-arloġġ. Insibu l-użu **tal-onomatopea** "*ittektek*" li tfakkar lill-qarrej fit-tokki tas-sekondiera tal-arloġġ.

2) **L-elementi figurattivi**:

   **Is-similitudni** "*imqiegħed bħal għassa*" v.1 tgħin lill-qarrej jivviżwalizza l-arloġġ li ma jiċċaqlaqx iżda jtektek biss; **il-personifikazzjoni** "*nistħajlek trid tgħidli // Li kollox mhu xejn*" v.17-18 turi li l-arloġġ tant jgħaddi messaġġ qawwi, li l-poeta jimmaġinah qiegħed ikellmu.




3) **L-elementi retoriċi**:

   **Il-kuntrasti** numerużi li jissemmew ikomplu jenfasizzaw il-fatt li jiġri x'jiġri fil-ħajja tal-bniedem il-ħin mhux se jieqaf: "*La lejl u la nhar.*" v.4.
   **l-anafora** tagħmilha ċara lill-qarrej li l-ħin mhux se jieqaf permezz tar-repetizzjoni ma' okkażjonijiet differenti tal-ħajja tal-bniedem: "*Jekk frugħa li tlellex, // Jekk dmugħ fil-għajnejn;*" v.19-20.

Poeżija riflessiva

4) **It-tema:**

   **It-tema** ta' din il-poeżija hija dik tal-eżistenza tal-bniedem li fl-aħħar tiżdied magħha t-tema tal-fidi Nisranija għax meta jaħseb fix-xemx Dun Karm jiftakar fid-dawl tal-ħajja ta' dejjem.

Isem: ______________________________ Klassi: ______________________

**Nota mħejjija mis-Sa Martina Bezzina**